

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impiegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (¹), fir-rigward tal-kunċett awtonomu ta' "stat ta' insolvenza", jipprekludu leġiżazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva, jiġifieri l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Legea nr. 200/2006 privind constituirea si utilizarea Fondului de garantare pentru plata creañelor salariale (il-Liġi Nru 200/2006 dwar it-Twaqqif u l-Użu tal-Fond ta' Garanzija għall-ħlas ta' Djun Salarjali) flimkien mal-Artikolu 7 tan-Normele metodologice de aplicare a Legii nr. 200/2006 (ir-Regoli Metodoloġiċi għall-Applikazzjoni tal-Liġi Nru 200/2006), fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ħnalta Curte de Casatie si Justiċċie – Completul pentru dezlegarea unor chestiuni de drept (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja – Sezzjoni Kompetenti għar-Riżoluzzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Liġi, ir-Rumanija), permezz tad-Deċiżjoni Nru 16/2018, li tgħid li l-perijodu ta' 3 xhur, fir-rigward ta' liema il-Fond ta' Garanzija jista' jieħu responsabbiltà u jħallas id-djun salarjali tal-persuna li timpjega li hija insolventi, jirreferi eskużiżiav għad-data tal-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza?
- 2) Id-dispożizzjonijiet [tat-tieni subparagrafu] tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2008/94 jipprekludu l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Liġi Nru 200/2006 dwar it-Twaqqif u l-Użu tal-Fond ta' Garanzija għall-ħlas ta' Djun Salarjali, fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ħnalta Curte de Casacie si Justiċċie – Completul pentru dezlegarea unor chestiuni de drept (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja – Sezzjoni Kompetenti għar-Riżoluzzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Liġi), permezz tad-Deċiżjoni Nru 16/2018, li tgħid li l-perijodu massimu ta' 3 xhur, fir-rigward ta' liema il-Fond ta' Garanzija jista' jieħu responsabbiltà u jħallas id-djun salarjali tal-persuna li timpjega li hija insolventi, jinsab fl-intervall ta' riferiment ta' 3 xhur immedjatamente qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza u ta' 3 xhur immedjatamente wara l-ftuħ tal-proċeduri ta' insolvenza?
- 3) Hija konformi mal-għan soċjali tad-Direttiva 2008/94 u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2008/94, prassi amministrativa nazzjonali li permezz tagħha, skont deċiżjoni tal-Curċċi de Conturi (il-Qorti tal-Awdituri, ir-Rumanija) u fl-assenza ta' regoli nazzjonali speċifiċi li jobbligaw il-ħlas lura mill-ħaddiem, tiġi rkuprata mingħand il-ħaddiem is-somma li allegatament tħallset għall-perijodi mhux inklużi fil-qafas legali jew li kienet mitluba barra mit-terminu legali ta' preskrizzjoni?
- 4) Fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "abbuż" fl-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2008/94, l-irkupru mingħand il-ħaddiem, bil-għan li jiġi osservat it-terminu ta' preskrizzjoni ġenerali, ta' drittijiet salarjali mħallsa mill-Fond permezz tal-istralċjarju ġudizzjarju, jikkostitwixxi ġustifikazzjoni oġġettiva suffiċċienti?
- 5) Interpretazzjoni u prassi amministrativa nazzjonali, li permezz tagħhom id-djun salarjali li l-ħlas lura tagħhom qed jintalab mill-ħaddiem jaġu assimilati ma' dejn fiskali li jgħarrab interassi u penali għal ħlas tardiv, huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet u mal-iskop tad-Direttiva 2008/94?

(¹) ĠU 2008, L 283, p. 36.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (ir-Rumanija)
fl-24 ta' Awwissu 2021 – Agenzia Municipală pentru Ocuparea Forței de Muncă București vs IM**

(Kawża C-525/21)

(2021/C 513/27)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Bucureşti

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Agenzia Municipală pentru Ocuparea Forței de Muncă București

Konvenut: IM

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impiegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (¹), fir-rigward tal-kunċett awtonomu ta' "stat ta' insolvenza", jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva, jiġifieri l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Legea nr. 200/2006 privind constituirea si utilizarea Fondului de garantare pentru plata creañelor salariale (il-Liġi Nru 200/2006 dwar it-Twaqqif u l-Użu tal-Fond ta' Garanzija għall-ħlas ta' Djun Salarjali) flimkien mal-Artikolu 7 tan-Normele metodologice de aplicare a Legii nr. 200/2006 (ir-Regoli Metodoloġiċi għall-Applikazzjoni tal-Liġi Nru 200/2006), fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ħnalta Curte de Casatie si Justiċċie – Completul pentru dezlegarea unor chestiuni de drept (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja – Sezzjoni Kompetenti għar-Riżoluzzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Liġi, ir-Rumanja), permezz tad-Deċiżjoni Nru 16/2018, li tgħid li l-perijodu ta' 3 xhur, fir-rigward ta' liema il-Fond ta' Garanzija jista' jieħu responsabbiltà u jħallas id-djun salarjali tal-persuna li timpjega li hija insolventi, jirreferi eskużiżiav għad-data tal-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza?
- 2) Id-dispożizzjonijiet [tat-tieni subparagraphu] tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2008/94 jipprekludu l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Liġi Nru 200/2006 dwar it-Twaqqif u l-Użu tal-Fond ta' Garanzija għall-ħlas ta' Djun Salarjali, fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ħnalta Curte de Casacie si Justiċċie – Completul pentru dezlegarea unor chestiuni de drept (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja – Sezzjoni Kompetenti għar-Riżoluzzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Liġi), permezz tad-Deċiżjoni Nru 16/2018, li tgħid li l-perijodu massimu ta' 3 xhur, fir-rigward ta' liema il-Fond ta' Garanzija jista' jieħu responsabbiltà u jħallas id-djun salarjali tal-persuna li timpjega li hija insolventi, jinsab fl-intervall ta' riferiment ta' 3 xhur immedjatamente qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza u ta' 3 xhur immedjatamente wara l-ftuħ tal-proċeduri ta' insolvenza?
- 3) Hija konformi mal-għan soċjali tad-Direttiva 2008/94 u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2008/94, prassi amministrativa nazzjonali li permezz tagħha, skont deċiżjoni tal-Curċċi de Conturi (il-Qorti tal-Awdituri, ir-Rumanja) u fl-assenza ta' regoli nazzjonali speċifiċi li jobbligaw il-ħlas lura mill-ħaddiem, tiġi rkuprata mingħand il-ħaddiem is-somma li allegatament tħallset għall-perijodi mhux inklużi fil-qafas legali jew li kienet mitluba barra mit-terminu legali ta' preskrizzjoni?
- 4) Fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "abbuż" fl-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2008/94, l-irkupru mingħand il-ħaddiem, bil-għan li jiġi osservat it-terminu ta' preskrizzjoni ġenerali, ta' drittijiet salarjali mħallsa mill-Fond permezz tal-istralcnarju ġudizzjarju, jikkostitwixxi ġustifikazzjoni oġġettiva suffiċċienti?
- 5) Interpretazzjoni u prassi amministrativa nazzjonali, li permezz tagħhom id-djun salarjali li l-ħlas lura tagħhom qed jintalab mill-ħaddiem jaġu assimilati ma' dejn fiskali li jgħarrab interassi u penali għal ħlas tardiv, huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet u mal-iskop tad-Direttiva 2008/94?

(¹) ĠU 2008, L 283, p. 36.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fid-9 ta' Settembru 2021 – UniCredit Bank Austria AG vs Verein für Konsumenteninformation

(Kawża C-555/21)

(2021/C 513/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: UniCredit Bank Austria AG

Konvenut: Verein für Konsumenteninformation